MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 754/2002

**Dolmen Complex Limited**

**vs**

**Charles u Maria Dolores konjugi Sammut**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef sitt mija u erbghin lira Maltija (Lm3,640) rapprezentanti prezz ta' servizzi u ikel u xorb ipprovduti fuq struzzjonijiet tal-konvenuti mis-socjeta' attrici ghal riceviment ta' tieg ta' bint l-konvenuti Dorianne Sciberras nee' Sammut, kif sejjer jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra bonarja tal-15 ta' Novembru 2002, u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fid-29 ta' Jannar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm3,640.00,0 bl-imghaxijiet legali mill-10 ta' Dicembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-15 ta' Novembru 2002.

--------------------------------TMIEM--------------------------------